



14.10.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar id-demokrazija elettronika fl-Unjoni Ewropea: potenzjal u sfidi  
(2016/2008(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Isabella Adinolfi



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi l-bidliet teknoloġiċi kontinwi u rapidi li seħħew fis-soċjetà tal-informazzjoni, it-trasformazzjonijiet profondi li ġabu magħhom dawn il-bidliet fis-soċjetà kollha kemm hi, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti tal-edukazzjoni u ċ-ċittadinanza, u l-isfidi u l-opportunitajiet relatati mad-diversi għodod tal-ICT, midja ġdida u teknoloġiji ġodda oħra; għal dan l-għan, jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' kriterji għall-valutazzjoni tal-valur miżjud ta' involviment onlajn;
2. Jinnota li numru dejjem jikber ta' ċittadini li jużaw l-għodod tal-ICT u midja u teknoloġiji ġodda biex tinkiseb varjetà dejjem akbar ta' informazzjoni, biex isir skambju ta' fehmiet, u biex isemmgħu leħinhom, filwaqt li jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw fil-ħajja politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod kollettiv, fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE; iqis, għalhekk, li huwa kruċjali li tiżdied l-inklużjoni u l-litteriżmu diġitali, u b'hekk tingħeleb il-firda diġitali eżistenti li hija ostaklu kbir biex wieħed jeżerċita ċittadinanza attiva;
3. Ifakkar li l-parteċipazzjoni ta' ċittadini fil-proċess demokratiku tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz tal-użu tal-għodda tal-ICT teħtieġ ambjent favorevoli legali sabiex ikun żgurat id-dritt għall-privattezza, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni indipendenti, kif ukoll investimenti li permezz tagħhom iċ-ċittadini mgħammra b'mezzi adegwati u l-litteriżmu u l-ħiliet diġitali jkun jistgħu jgawdu minn aċċess sħiħ u ugwali ta' infrastruttura teknika tal-ICT li toffri prestazzjoni għolja;
4. Ifakkar li huwa meħtieġ li jiġu introdotti standards tekniċi ambizzjużi għall-Unjoni kollha li jkollhom l-għan li jnaqqsu b'mod sostanzjali u effettiv id-distakk diġitali eżistenti, skont is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri differenti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess ugwali ta' kulħadd għall-internet inklużiv, ġust, sikur u li jkun għall-but ta' kulħadd, fejn il-libertà ta' espressjoni, id-dritt għall-privattezza, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tad-data personali, u l-prinċipju ta' newtralità netta huma protetti, kif ukoll aċċess ugwali għal servizzi pubbliċi onlajn u l-identifikazzjoni elettronika; b'dan il-mod, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-ostakoli fiżiċi, ġeografiċi u soċjali rilevanti kollha għall-parteċipazzjoni onlajn, irrispettivament mid-dħul jew il-kundizzjoni soċjali u personali, speċjalment f'żoni inqas aċċessibbli u billi tiġi evitata kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
5. Jinnota li l-użu dejjem akbar tal-midja soċjali għal finijiet ta' soċjalizzazzjoni u komunikazzjoni, u l-użu dejjem akbar tagħha fis-settur kreattiv u kulturali; jinnota li l-użu estiż tal-ICT fil-ħajja ta' kuljum u fil-mod modern li jgħixu bih iċ-ċittadini jeħtieġ il-promozzjoni tal-inklużjoni diġitali tal-persuni ta' kull età biex jiġi indirizzat id-distakk diġitali fl-UE;
6. Jemmen li l-għodod tal-ICT u tal-midja u t-teknoloġiji ġodda huma kruċjali u kull ma jmur se jkompli jkollhom rwol sinifikanti f'sinerġija ma' mezzi offlajn, sabiex jissaħħaħ is-sens ta' appartenenza għall-UE, l-impenn ċiviku, u l-inklużjoni soċjali, u biex jipprovdu informazzjoni u għarfien bilanċjati dwar l-UE, l-istorja, il-valuri u d-drittijiet fundamentali

tagħha sabiex jistimolaw ħsieb kritiku u dibattitu pubbliku kostruttiv dwar l-Unjoni Ewropea;

7. Jinnota li d-demokrazija elettronika għandha l-potenzjal li żżid is-sens tas-sjieda tal-UE fost iċ-ċittadini, li hija b'mod speċjali importanti fil-klima Ewrosettika li teżisti bħalissa;
8. Jinnota l-ammont enormi ta' informazzjoni eteroġena li tista' tinstab fuq l-internet illum, u jenfasizza li l-kapaċità ta' iċ-ċittadini li jaħsbu b'mod kritiku għandha tissaħħaħ sabiex dawn ikunu jistgħu jagħrfu aħjar bejn sorsi affidabbli u mhux affidabbli ta' informazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, biex jadattaw u jaġġornaw il-leġiżlazzjoni bl-għan li jiġu indirizzati l-iżviluppi li għaddejjin bħalissa, u jimplimentaw bis-sħiħ u jinforzaw il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-diskors ta' mibegħda, kemm offlajn kif ukoll onlajn, filwaqt li jiggarrantixxu d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali; jisħaq li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżviluppaw azzjonijiet u politiki għat-tisħiħ tal-ħiliet ta' ħsieb trasferibbli, kritiku u kreattiv u l-litteriżmu diġitali u medjatiku, l-inklużjoni u l-kurżità fost iċ-ċittadini tagħhom, speċjalment iż-żgħażaġħ, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-proċessi demokratiċi;
9. Jinnota li filwaqt li l-ġhodod tal-ICT joffru aċċess wiesa' għal sorsi differenti ta' informazzjoni, dawn jiffaċilitaw ukoll it-tixrid ta' kontenut ta' kwalità baxxa li jista' jkun diffiċli biex wieħed jiddistingwih minn sorsi affidabbli u serji u li jista' jkun qarrieqi għaċ-ċittadini; jenfasizza għalhekk il-bżonn kruċjali għal taħriġ xieraq fil-litteriżmu medjatiku għaċ-ċittadini, b'mod speċjali għal dawk li għadhom żgħar;
10. Jitlob biex ikun hemm kawtela peress li d-dibattiti politiċi onlajn spiss jipproduċu opinjonijiet polarizzati b'mod eċċessiv u jistgħu jkunu suxxettibbli għal diskors ta' mibegħda, filwaqt li l-kelliema moderati spiss jiġu traskurati;
11. Jirrikonoxxi li d-demokrazija elettronika jista' jkollha biss impatt pożittiv meta iċ-ċittadini jkunu infurmati sew, ikollhom il-ħiliet biex ikunu kritiċi lejn informazzjoni żbaljata u preġudikata u jkunu kapaċi jidentifikaw tentattivi ta' propoganda;
12. Jirrikonoxxi li r-riskji u l-miri msemmija hawn fuq joħolqu sfidi enormi għall-ġhalliema u l-edukaturi, f'kuntesti formali, mhux formali u informali; jistieden, għalhekk, lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-investiment fit-taħriġ u l-iżvilupp tul il-ħajja tagħhom, billi jikkombinaw metodi onlajn u offlajn, jistimolaw it-tagħlim bejn il-pari, jiskambjaw l-aħjar Prattiki u l-bini tal-kapaċità, u joħolqu opportunitajiet biex wieħed jitgħallem u jgħallem b'mod innovattiv, inklużiv u mhux diskriminatorju;
13. Jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom, b'mod partikolari fil-livell reġjonali u lokali, jippromwovu tagħlim tul il-ħajja bbażati fuq l-ICT dwar il-litteriżmu diġitali u l-inklużjoni u l-involviment u l-parteciċipazzjoni ċiviċi, billi jiġu żviluppati azzjonijiet u politiki, inkluża r-riċerka, li jagħmluhom faċilment aċċessibbli miċ-ċittadini l-aktar vulnerabbli, speċjalment il-bniet u n-nisa, il-persuni LGBTI, il-persuni b'diżabilità u kategoriji oħra soċjalment żvantaġġati u minoritajiet; jenfasizza li dawn il-programmi għandhom jifasslu u jintużaw fl-interess ta' iċ-ċittadini kollha, u fl-istess waqt jindirizzaw u joħolqu sensibilizzazzjoni dwar il-bullying fuq l-internet, l-istigmatizzazzjoni u forom oħra ta' vjolenza onlajn, u l-esklużjoni mill-ħajja politika, filwaqt li tiġi evitata d-diviżjoni u d-diskriminazzjoni fis-soċjetà;

14. Jenfasizza li n-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi fil-livelli kollha kif ukoll fis-setturi tal-ICT; jinnota li n-nisa u l-bniet spiss jiffaċċjaw sterjotipi tas-sessi fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu fi programmi mmirati li jippromwovu l-edukazzjoni fl-ICT u l-parteċipazzjoni elettronika għan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari dawk minn sfond vulnerabbli u marġinalizzati, bl-użu ta' taġġim formali, informali u mhux formali;
15. Jinnota l-importanza fundamentali tal-inklużjoni diġitali għal persuni ta' kull età, u jistieden lill-Kummissjoni biex tisfrutta bis-sħiħ, għal dan l-għan, l-għodod tal-ICT u midja u teknoloġiji ġodda li jimmotivaw id-dinamika onlajn pożittiva li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-bniedem, il-paċi u d-drittijiet tal-bniedem; iqis, ukoll f'dan il-kuntest, li għodod tad-demokrazija elettronika jistgħu jgħinu biex inaqqsu d-defiċit demokratiku u l-immajnar tal-parteċipazzjoni politika fl-Unjoni, u biex jiffaċilitaw l-involvement u l-parteċipazzjoni fl-isfera pubblika; jitlob għat-tfassil ta' inizjattivi indirizzati speċifikament għaż-żgħażagħ, kif ukoll għall-anzjani, peress li t-tnejn huma affettwati mid-distakk bejn il-ġenerazzjonijiet; jitlob għall-iżvilupp ta' approċċ kritiku għall-użu ta' tali teknoloġiji sabiex ikunu protetti l-bnedmin u b'mod partikolari t-tfal minn kull riskju relatat;
16. Ifakkar li aktar involvement taċ-ċittadini fil-proċessi marbuta mal-politiki Ewropej għandu l-potenzjal li jġedded l-appoġġ taġġhom fl-Unjoni Ewropea filwaqt li jnaqqas l-hekk imsejjaħ "defiċit demokratiku" tal-Unjoni; jenfasizza għalhekk il-potenzjal tal-għodod tad-demokrazija elettronika għal dan il-għan, filwaqt li jirrikonoxxi l-limiti inerenti minħabba r-rekwiżiti taġġhom, kemm fuq livell tekniku (livell għoli ta' penetrazzjoni tal-internet, konnessjoni mifruxa tal-Wi-Fi, konnessjoni tal-internet b'veloċità għolja, eċċ) kif ukoll fuq livell prattiku (litteriżmu u ħiliet diġitali u medjatiċi, lingwi disponibbli, eċċ);
17. Iqis li huwa kruċjali li l-Unjoni u l-Istati Membri jwettqu riflessjoni strateġika biex jiġu żviluppati u mnedija għodod tad-demokrazija elettronika li jkunu kapaċi jipprovdu varjetà usa' ta' sorsi li jxerrdu informazzjoni indipendenti u affidabbli, biex jappoġġaw mudelli ta' taġġim miftuħa u innovattivi, filwaqt li jqisu d-diversità kulturali u lingwistika Ewropea u l-interessi speċifiċi ta' gruppi ta' minoranza, biex itejbu l-kwalità tad-dibattitu pubbliku, u biex jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u biex jstimolaw l-impenn politiku attiv taġġhom permezz ta' mekkaniżmi tad-demokrazija parteċipattiva u diretta li jkunu kapaċi jsaħħu u, fejn rilevanti, jikkomplementaw id-demokrazija rappreżentattiva;
18. Jinnota li sabiex tiġi żgurata l-aċċessibilità ugwali taċ-ċittadini għall-għodod tad-demokrazija elettronika, it-traduzzjoni multilingwa hija importanti meta tkun se tinxtered l-informazzjoni u tinqara miċ-ċittadini kollha fil-pajjiżi li għandhom aktar minn lingwa uffiċjali waħda jew minn dawk li jkunu ġejjin minn sfondi etniċi differenti;
19. Iwissi li filwaqt li l-għodod tad-demokrazija elettronika jistgħu jkunu utli għall-involvement taċ-ċittadini fil-proċessi Ewropej, dawn ma jiddux post l-għodod demokratiċi tradizzjonali, u r-riżultati taġġhom ma għandhomx jitqiesu bħala l-espressjoni rappreżentattiva tal-opinjoni taċ-ċittadini kollha;
20. Jenfasizza li l-għodod tad-demokrazija elettronika huma essenzjali biex jiġu promossi r-responsabilità, it-trasparenza u l-governanza tajba fl-amministrazzjoni pubblika, u jwessgħu d-dibattitu pubbliku għax jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex jieħdu sehem fi djalogu risponsiv bħala *writers* fil-ħajja politika lokali, nazzjonali u Ewropea; jemmen

li, biex tassew jittrawmu l-impenn u l-fiduċja taċ-ċittadini, hija meħtieġa bidla fil-kultura governattiva li tħaddan aktar responsabilità u skrutinju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, it-tfassil ta' politiki u l-proċessi leġiżlattivi aktar trasparenti, aċċessibbli, diġitalizzati, konsultattivi, inklużivi, fdati, affidabbli u ġusti, li joffru opportunitajiet għal skrutinju dirett u sorveljanza attiva tar-rappreżentanti eletti miċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet;

21. Jenfasizza li skont l-analiżi tal-OECD hemm tliet dimensjonijiet għad-demokrazija elettronika, b'mod partikolari l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva; josserva li għalhekk teħtieġ kultura governattiva, kultura organizzattiva, ħiliet speċifiċi, regoli u proċeduri definiti għall-parteċipazzjoni, u l-involvement effettiv fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet;
22. Iqis li d-demokrazija elettronika tista' żżid it-trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fid-demokrazija rappreżentattiva u jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-fiduċja taċ-ċittadini fir-rappreżentanti eletti tagħhom;
23. Jenfasizza li l-isfidi tas-sigurtà, kkawżati mill-għodod tad-demokrazija elettronika, għandhom jiġu indirizzati b'mod raġonevoli u proporzjonat, permezz ta' mekkaniżmi ta' kontroll trasparenti, siguri u distribwiti, li jirreplikaw miżuri preventivi li huma diġà meħtieġa fl-ambjent offlajn, b'referenza partikolari għall-prevenzjoni tal-frodi u l-manipulazzjoni elettorali fil-votazzjoni onlajn, biex jiġu żgurati d-drittijiet għall-privatezza taċ-ċittadini u l-protezzjoni tad-data tagħhom kontra l-abbuż, softwer ta' sorveljanza minn parti terza u ndħil ieħor;
24. Jinnota li t-trasparenza, is-sigurtà u l-eżistenza tal-mekkaniżmi ta' kontroll demokratiċi tul il-proċedura sħiħa tad-demokrazija elettronika huma vitali sabiex jiġu żgurati d-drittijiet taċ-ċittadini għall-privatezza u n-nonsorveljanza;
25. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u timplimenta proġetti pilota speċifiċi, kif previst fl-Aġenda Diġitali, kif ukoll tkompli l-appoġġ tagħha permezz ta' fondi u programmi rilevanti oħra tal-UE, bħall-Ewropa għaċ-Ċittadini, b'enfasi fuq il-mobilità u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, bl-għan li titħeġġeġ u tissaħħaħ iċ-ċittadinanza Ewropea attiva u responsabbli, sabiex verament tiġi kkonsolidata d-demokrazija bħala esperjenza politika u soċjali li jeħtieġ li wieħed jitgħallimha, jgħixha, jikkondividiha u jilqagħha;
26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja inizjattivi li jfittxu l-promozzjoni u t-tiħiħ tal-iskemi taċ-ċittadinanza Ewropea responsabbli u attiva, b'mod partikolari l-Erasmus+, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020 u Ewropa Kreattiva; jitlob, f'dan ir-rigward, għat-tiħiħ u t-titjib tal-pjattaformi eTwinning, European Schoolnet u Tagħlim Elettroniku, u ta' programmi bħalma huma s-Servizz Volontarju Ewropew li jippromwovi ċ-ċittadinanza attiva.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	11.10.2016
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Jill Evans, Petra Kammerevert, Andrew Lewer, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Luigi Morgano, Michaela Šojdrová, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Therese Comodini Cachia, Ilhan Kyuchyuk, Emma McClarkin, Hannu Takkula
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte